MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 111/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Sultana talli f'Gunju 2002 u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-Imsida u/jew f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

(1) weghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg

mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

(2) fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att/i, kitba, jew skrittura/i foloz;

(3) fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

(5) fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita` sostanzjali f' xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll li l-imsemmi Anthony Sultana jkun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (nautical license) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Anthony Sultana ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' April 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-difiza, u wara li rat l-artikoli 121A(1), 184, 186, 18 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, kif ukoll l-artikolu 76 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Anthony Sultana hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal multa ta' €1164.69 u ghall-piena ta' prigunerija ta' sena b'dan illi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 ordnat illi dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza appellata. Ordnat ukoll is-sospenzjoni tal-licenzja nawtika ta' l-istess Anthony Sultana ghal zmien sena minn dakinhar li ottjena c-certifikat mill-MCAST;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Anthony Sultana pprezentat fit-22 ta' April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni gja` sollevata u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda c-cahda ta' l-ewwel Qorti ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minnu.

(1) L-appellant jilmenta l-ewwelnett dwar il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi kien hemm l-injoranza assoluta kemm tar-reat kif ukoll tal-hati, bl-ebda fattur kontributorju ghal din l-injoranza la mill-Awtorita` Marittima u lanqas mill-Pulizija. Jghid illi filwaqt illi l-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni tad-dritt korretta, kienet l-applikazzjoni ta' tali esposizzjoni li kienet skorretta. Isostni fil-fatt illi kien hemm certu kontro-sensi fis-sentenza appellata. Jirreferi ghall-bran f'dik is-sentenza fejn l-ewwel Qorti abbraccjat it-tezi illi *"… the word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone* ***<u>and it is necessary that impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself</u>*** *and not, for instance, to the absence of the complainant or the prosecutor from the islands."* Jghid illi l-ewwel Qorti

mbaghad skartat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhux ghaliex kien gie stabbilit illi huwa uza maniggi u raggiri sabiex jahbi l-agir illegali tieghu, izda ghaliex skond l-ewwel Qorti l-prosekuzzjoni ma kinitx naqset fil-vigilanza taghha u dan minkejja l-fatt illi fl-istess sentenza l-ewwel Qorti kienet qed taqbel illi sabiex jiskatta l-artikolu 692 dak li kellu jigi stabbilit u ppruvat mill-prosekuzzjoni kien illi r-reat u/jew l-agent perpetratur kienu baqghu mistura in konsegwenza ghall-agir malizzjuz tal-istess awtur tar-reat. Skond l-appellant, il-fatt wahdu illi l-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontribwiet ghall-“injoranza” ma huwiex sufficjenti biex japplika l-artikolu 692 u jissospendi d-dekors tal-perijodu preskrittiv.

L-ewwelnett minn ezami tas-sentenza appellata, li hija wahda motivata u li taghmel referenza ghall-gurisprduenza rilevanti, jirrizulta li dik il-Qorti mhux biss osservat illi l-Pulizija ma kellhomx xi “nuqqas kolpevoli” – difatti huma agixxew hekk kif gew mgharrfa li seta’ kien gie kommess reat – izda li lanqas l-Awtorita` Marittima ma wriet “nuqqas kolpevoli ta’ vigilanza” biex tiskopri l-hati – kif gihom is-suspett li setghu saru proceduri rregolari fil-hrug ta’ licenzji, infurmaw lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih. Mill-osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti mbaghad huwa evidenti illi hija kkonkludiet li kien hemm ukoll l-agir malizzjuz ta’ l-awtur tar-reat. Huwa utili ghalhekk li jigi citat il-bran rilevanti:

**“Jibda biex jinghad illi ma rrizultax li l-*audit* ma kienx isir pero` jidher li hu minnu li dan ir-reat dam zmien twil ma jigi skopert. Dan jista’ jkun dovut ghal diversi fatturi mhux kollha imputabbli ghal xi nuqqas da parti ta’ l-Awtorita`. Fl-2002 meta allegatament gie kommess dan irr-eat, hadd ma kellu hjiel x’kien qed jigri u dana peress li l-awtur/awturi tar-reat hbew l-operat taghhom u sakemm l-abbuz kien fuq skala zghira, kif donnu li kien f’dawk iz-zminijiet, facli jahrab mill-iskrutinju tal-awditur. Il-*modus operandi* kien wiehed fin hafna b’dokumenti foloz li ghall-ewwel daqqa t’ghajn jidhru genwini u ma jaghtux lok ghal suspetti. Kien biss meta l-abbuz kiber b’mod allarmanti (il-Qorti kellha quddiemha 440 kaz!) li ma**

**setax jibqa' mistur u din id-darba ma harabx mill-iskrutinju tal-awditur u li ha passi mal-ewwel. Il-fatt li l-imputat baqa' fil-pussess ta' dokument genwin pero` ottjenut b'raggiri u falsita`, minghajr reklam, ipoggieh *in dolo* peress li hu stess ikun heba r-reat u t-tracci tieghu biex jibqa' jgawdi l-frott tar-reat tieghu minghajr xkiel ta' xejn…. F'dan il-kaz l-imputat uza malizja u raggiri biex akkwista l-licenzja nawtika u heba dan l-istat b'fatt tieghu stess li zamm kollox mistur waqt li gawda l-frott tal-hazen tieghu. Ta' dan zgur li m'ghandhiex tkun responsabbli l-Awtorita` Marittima u ma tistax tigi akkuzata b''nuqqas kolpevoli ta' vigilanza' peress illi l-kolpa tipprezumi stat li seta' jigi prevedut u li bi traskuragni jew negligenza l-Awtorita` ma hadet l-ebda passi. Zgur li dan ir-reat ma setax jigi prevedut, la mill-Awtorita` u lanqas minn hadd".**

Jigifieri, kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant, l-ewwel Qorti kjarament iddeterminat li kien hemm agir malizzjuz da parti ta' l-awtur.

(2) L-appellant jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti waslet biex cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni billi strahet fuq numru ta' konkluzjonijiet fattwali li minn imkien ma jirrizultaw pruvati. L-appellant jghid illi l-atti illegali addebitati lilu sehhew f'Gunju 2002 jew fix-xhur ta' qabel filwaqt illi l-akkuza inharget u gietipprezentata f'Ottubru 2007. Jigifieri kien hemm it-trapass tal-perijodu preskrittiv u l-prosekuzzjoni kellha l-obbligu li bi provi oggettivi u ammissibbli tipprova l-asserzjoni taghha li l-perijodu preskrittiv kien sospiz minhabba injoranza assoluta tar-reat jew tal-hati. F'dan il-kaz mhux hekk gara, isostni l-appellant. L-unika prova li tressqet kienet id-denunzja jew kwerela maghmula b'ittra li ntbaghtet mill-avukat ta' l-Awtorita` Marittima fl-24 ta' Mejju 2007 lill-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellant jissottometti fl-ewwel lok li l-ittra msemmija ma hi xejn hlief *documentary hearsay* u per konsegwenza mhux ammissibbli bhala prova tal-kontenut taghha izda biss sabiex jigi ppruvat il-fatt illi tali ittra ntbaghtet. Inoltre l-ittra lanqas ma giet imwettqa bil-gurament. Ghalhekk, jghid l-appellant, l-ewwel Qorti

kienet zbaljata legalment meta assumiet bhala fatt ippruvat illi kien biss fil-mument meta nkitbet dik l-ittra illi kien tnissel is-suspett ta' attivita` illegali. In atti m'hemm xejn x'juri illi tabilhaqq kien biss f'dak il-mument illi l-Awtorita` saret taf jew kellha hjiel dwar attivita` kriminali maghmula ghad-detriment taghha. Fit-tieni lok, l-appellant jirreferi ghal numru ta' konsiderazzjonijiet ta' fatt li jirrizultaw minn fol. 8 tas-sentenza appellata u li jghid li ma jirrizultawx ippruvati. Jghid li hemm insibu dik li donnha hija l-fehma ta' l-ewwel Qorti dwar kif setghu kienu qed isehhu certu irregolaritajiet u kif dawn setghu waslu biex jigu milquta mill-iskrutinju ta' l-awditur ta' l-Awtorita`. Pero` f'dan il-kaz la xehed l-awditur ta' l-Awtorita` u anqas ma xehed xi rapprezentant iehor taghha li forsi qatt seta' ta din l-ispjegazzjoni li l-ewwel Qorti ghogobha tistrieh fuqha sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha. Il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova biex tissostanzja l-asserzjoni taghha tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 692. Jekk kienet il-prosekuzzjoni li naqset, ma kien qatt gustifikat illi l-ewwel Qorti taghmel konkluzjonijiet ta' fatt fejn tali konkluzjonijiet ma kinux sorretti minn provi prodotti.

Dwar dan l-ilment din il-Qorti tirreferi: (i) ghall-verbal tal-21 ta' Novembru 2007 quddiem l-ewwel Qorti fejn l-appellant, allura imputat, eccepixxa l-preskrizzjoni u ddikjara li "mhux qieghed jikkontesta l-meritu tal-kaz"; (ii) ghall-verbal ta' l-10 ta' April 2008 fejn, b'referenza ghall-verbal tal-21 ta' Novembru 2007, id-difiza ccarat "illi l-kaz jiddependi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jekk din ma tirnexxix, l-imputat qieghed jammetti l-akkuzi". Galadarba l-appellant ma kienx qieghed jikkontesta l-mertu tal-kaz, allura l-fatti tal-kaz, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jippretendi li jista' jirnexxi f'dan l-ilment tieghu. Quddiem l-ewwel Qorti ma tirrizulta li saret ebda kontestazzjoni dwar il-fatti verbalizzati mill-Ispettur Ian Joseph Abdilla fit-23 ta' Jannar 2008; ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar il-fatti elenkati fil-kwerela li saret lill-Pulizija fl-24 ta' Mejju 2007; u fuq kollox ma tirrizulta ebda kontestazzjoni dwar il-fatti kif rizultanti mill-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant.

Konsegwentement l-appell ta' l-appellant ma jimmeritax li jigi milqugh.
Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza jibda jddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------